# ... eċċ ... eċċ ...

Omar Seguna

... meta tgħidli dwar id-dar tal-ġara,
it-tfal ta' ħdejna,
it-triq ta' maġenbna,
... eċċ ... eċċ ...

... meta tagħtini fjuri tal-imgħoddi,
muniti skaduti,
kotba b'paġni vojta,
... eċċ ... eċċ ...

... meta tgħidli dwar mużika stunata għalija,
letteratura diffiċli,
teatru bla udjenza,
... eċċ ... eċċ ...

... ngħidlek li qed tagħmel
bħal persuna mhux ċittadina,
eżiljata f'pajjiżha,
suldat li jiġġieled kontra pajjiżu
u l-gwerra tibqa' sejra,
... eċċ ... eċċ ...

... ngħidlek ukoll
li dil-poeżija ma nafx ktibthiex
għalik
jew inkella għalija.